KLR 33/VI/2012

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tnejn 5 ta' Marzu 2012 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

**1. Talba**

Intqalet it-talba.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

Ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar żewġ laqgħat (KLR 31 u KLR 32).

**3. Mozzjonijiet f'isem il-membri**

Mozzjonijiet 57 u 58 ġew imressqa mill-kunsillier Debrincat u ssekondati mis-Sindku.

**Mozzjoni numru 57**

**Għat-tielet darba f'dawn l-aħħar snin qed nerġa' nitlob lill-Kunsill biex meta l-fondi jippermettu jsriu l-uniku żewġ sqaqien li fadal fil-Belt Victoria li għadhom ma tranġawx u li huma:- Sqaq fi Triq Aġius De Soldanis u sqaq fi Triq Sant Indrija. Infakkar lill-Kunsill li lir-residenti konna wegħdnihom li dawn ser jitranġaw, tant li tlabnihom jgħamlu l-*earth electrodes*. Niġbed l-attenzjoni li dawn huma sqaqien li minn quddiemhom ta' kuljum jgħaddu ħafna tuiristi Maltin u barranin li kif inhuma fil-preżent huma ta' għajb għalina.**

Il-membri qablu ma dan.

**Mozzjoni numru 58**

**Niġbed l-attenzjoni tal-Kunsill li fir-Rabat tagħna għandna ħafna nuqqas ta' tabelli b'informazzjoni li juru l-postijiet ta' nteress fil-lokalita' tagħna. Għaldaqstant nitlob li fejn huwa possibli nindikaw ċertu postijiet fejn inkunu nistgħu nwaħħlu dawn it-tabelli b'direzzjonijiet lejn il-postijiet ta' attrazzjoni li għandna.**

Il-membri qablu ma dan.

Mozzjonijiet 59, 60 u 61 ġew imressqa mill-kunsillier Buttiġieġ u ssekondati mill-kunsilliera Debrincat, Portelli u mis-Sindku rispettivament.

**Mozzjoni numru 59**

**Minħabba nuqqas ta' dawl quddiem blokk EB f'taċ-Ċawla *Housing Estate*, f'isem ir-residenti nitlob li ssir bozza ġdida ma' l-istess blokk. Dan biex il-post ikun aktar imdawwal u jitnaqqsu l-abbużi u l-vandaliżmu.**

Il-membri qablu li ssir talba lill-kuntrattur tal-Kunsill biex issir din il-bozza.

**Mozzjoni numru 60**

**Wara l-maltemp, il-passaġġ li jagħti għall-egħlieqi ta' faċċata tal-knisja tal-patrijiet Kapuċċini mtela' bil-ġebel, ħamrija u konkos maqlugħ. Dan qed joħloq inkonvenjent lis-sidien ta' dawn l-egħlieqi billi ma jkunux jistgħu jidħlu fihom. Għalhekk qed nitlob li l-passaġġ jitranġa u jitnaddaf kemm jista' jkun malajr peress li l-bdiewa ma jistgħux jaħdmu l-egħlieqi tagħhom minħabba li dawn l-egħlieqi lanqas huma aċċessibli bil-mixi.**

Il-membri qablu li dan jitranġa jekk din il-parti tal-passaġġ taqa' fil-konfini tagħna.

**Mozzjoni numru 61**

**Fit-22 ta' Ġunju 2009 ressaqt mozzjoni sabiex tinbena latrina qrib il-grawnd tal-*housing estate* f'taċ-Ċawla. Dan għall-fatt li min juża l-grawnd tat-turf m'għandux is-servizz ta' latrina bil-konsegwenza li qed jitħammeġ madwar il-*flats*. Nissuġġerixxi li nitolbu għanjunua finanzjarja minn xi entita' sprotiva billi ssir latrina li tkun tagħmel parti mill-*playing field* u mill-grawnd tal-futbol.**

Billi l-art fejn qed jiġi jintalab li ssir din il-latrina mhix tal-Kunsill, ġie suġġerit li l-klabb tal-Victoria Hotspurs, li hu l-klabb li jieħu ħsieb il-grawnd tat-turf li hemm b'dan il-*housing estate*, jissottometti applikazzjoni mad-Dipartiment ta' l-Artijiet biex issir din il-latrina. Il-Kunsill ma jsib ebda' oġġezzjoni li parti żgħira minn din l-*area* tintuża għal dan il-għan. Il-Kunsill aktar jikkonċernawħ l-ispejjes rikorrenti sabiex titmexxa din il-latrina u billi l-baġit tal-latrini hu eżawrit, il-Kunsill ma jistax jerfa' piż ieħor ta' latrina oħra.

Mozzjoni numru 62 ġiet imressqa mis-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku.

**Mozzjoni numru 62**

**Wara: li ntwera interess mill-gvern lokali tal-belt kapitali tar-reġjun tal-Wallonia fil-Belġju, Namur, illi jinbdew relazzjonijiet ta' ħbiberija bejn il-Belt Victoria u l-Belt Namur;**
**li l-Ambaxxatur ta' Malta għal Belġju wassal dan il-messaġġ lis-Sindku tal-Belt Victoria, l-Avukat Dr Samuel Azzopardi;**
**laqghat kordjali bejn iz-zewg partijiet;**

**li dan il-Kunsill esprima ix-xewqa li jiġu rafforzati dawn ir-relazzjonijiet in linea mal-proċeduri stabbiliti u konċessi lil Kunsill Lokali.**

**Tenut kont:**
**ta l-importanza storika, artistika u soċjali u ekonomika li tgawdi l-Belt ta' Namur;**
**li bħal Belt Victoria l-Belt ta' Namur hija belt kapitali;**
**li r-rafforzament tal-istess relazzjonijiet iservu ta' ġid għaż-żewġ partijiet;**

**Nipproponi li dan il-Kunsill:**
**jagħmel dak kollu possibli sabiex jirrealiżża dak kollu premess;**
**ipoġġi għad-disposizzjoni tal-istess kawża ir-riżorsi neċessarji sabiex dawn ir-relazzjonijiet jilħqu l-livell u intensita mixtieqa.**

**Għalhekk in vista tal-premess u s-setgħa mogħtija lilna mill-Liġi:**

**Nitlob illi l-Kunsill Lokali tar-Rabat Citta' Victoria jibda l-prattiċi kollha sabiex il-Belt Victoria tiġi ġemellata mal-Belt ta' Namur.**

**Għalhekk nitlob li wara d-diskussjoni fuq il-materja tiġi approvata din il-mozzjoni u dan dejjem fl-interess supreme ta' Beltna.**

Il-membri qablu unanimament ma din il-mozzjoni.

**4. Riorganiżżazzjoni tal-ġbir tal-iskart – imħallat u separat u skema Green Pak**

<u>Sekma Green Pak</u> Hekk kif il-Kunsill dehrlu li l-isekma tal-Greent Mt kien fiha xi nuqqasijiet u wara li fil-laqgħa KLR 27/VI/2011 li saret fis-7 ta' Settembru 2011, il-Kunsill qabel sabiex jikkunsidra proposti ġodda mill-Green Pak, ġie mistieden jidħol fil-kamra is-Sur Daniel Tabone, rappreżentant ta' Green Pak, sabiex jispjega l-porposti. Il-membri qablu lil-proposti offruti huma tajbin.

Sar qbil li jinbidel il-kuntrattur minħabba l-fatt li l-Kunsill ma jistax jibqa' jidher li mhux effiċjenti fuq din il-materja meta min suppost imexxi l-iskema ma kienx qed jimxi mal-ftehim.

Il-membri qablu li jiġu ffirmtati dawn il-kuntratti mal-Green Pak:- 1100 *Ltr. Recycling Banks Collection, Wasteserv Bring In Sites Collection* u *Door to Door Collection of Recyclable Waste*. Kopja ta' dawn it-tlett kuntratti tinsab annessa f'dokument A.

<u>Offerta tal-ġbir tal-iskart organiku</u> Din l-offerta ġiet sottomessa minn żewġ kuntratturi u l-Kunsill ħatar il-bord ta' aġġudikazzjoni. Il-prezz tal-Koperattiva Ndafa Pubblika Għawdex (KIP) (li kienet waħda mill-kuntratturi li tefgħu l-offerta), fir-raba' sena nqabeż b'ammont minimu ta' €2023.64. Il-membri qablu li abbażi ta' dak li tisstipula S.L. 174.04 tal-Public Procurement Regulations Kap. 174 skond l-artikolu 38, jintalab permess lid-Direttur għal Gvern Loklai sabiex:- ikun jista' jiġi negozjat mal-KIP il-prezz ta' din is-sena partikolari jew alternattivament il-Kunsill jipproponi li sabiex tissalva din is-sejħa, jingħata permess li dan il-kuntratt jingħata għal tlett snin u l-ammont mitfuħ ma jkunx jaqbeż l-ammont proġettat.

**5. Relazzjonijiet u Ġemellaġġ Namur**

Is-Sindku għarraf lil membri li ressaq mozzjoni numru 62, hawn fuq imniżżla, minħabba li rċieva korrispondenza mingħand l-Ambaxxatur ta' Malta għall-Belġju, Clive Aġius. Dan sabiex wara l-ġemellaġġ, tiġi esplorata l-possiblita' li jsir proġett Ewropew bejn iż-żewġt ibliet. Il-membri qablu ma dan u wara laqgħa li s-Sindku għamel fi Brussell bejn il-15 u s-16 ta' F rar 2012, fuq xogħol tal-Kumitat tar-Raġjuni, hu laqa' l-istedina tas-Sindku ta' Namur u żar dan il-post.

**6. Patt mta' Ħbiberija mal-Comune di Goro – Provincia di Ferrara**

Is-Sindku proponsa li jiġi ffirmat Patt ta' Ħbiberija mal-Comune di Goro li hu fil-provinċja ta' Ferrara. Goro jinsab qrib Comacchio. Kopja tad-draft li se jiġi ffirmat jinsab anness f'dokument B.

**7. *Torneo del' Delta del Po***

Il-membri qablu illi l-Kunsill għandu jipparteċipa bħal snin oħra f'dan l-avveniment u għandu jsir sforz sabiex il-parteċipazzjoni ssir permezz ta' sport differenti mill-futbol. Dettalji finali għandhom jingħataw fil-laqgħa li jmiss.

**8. Proġett taċ-Ċentru tal-Belt Victoria**

Is-Sindu għarraf lill-membri li billi x-xogħol tal-foss taċ-Ċittadella, li hu devolut lill-Kunsill u Triq it-Telgħa tal-Belt, ser isiru mill-Ministeru għal Għawdex jekk jakkwistaw fondi mill-Unjoni Ewropean abbażi tal-applikazzjoni li l-Ministeru għamel abbażi tal-Master Plan, il-Kunsill intalab jissottometti l-applikazzjoni riveduta mingħajr il-parti li turi x-xogħol li jrid isir fil-foss. Il-membri ġew mgħarrfa wkoll li din l-applikazzjoni waslet fil-parti finali tagħha u li mistenni eżitu finali sal-aħħar ta' April.

**9. *Victoria Playing Field***

Il-membri ġew mgħarrfa li l-MEPA ħarġet il-permess għal-proġett tal-*Playing Field*. Il-Kunsill ser joħroġ l-ewwel offerta li tkopri x-xogħol tal-kostruzzjoni. Bħala finanzjament, l-ewwel parti tal-proġett se tkun koperta mill-fond ta' Eko-Għawdex, fejn il-Kunsill għandu vvutati €70,000. It-tieni fażi hi pjanta li tkun koperta mill-applikazzjoni taħt measure313/008 li waslet fil-fażi finali tagħha.

Kif diġa' sar qbil, se tinħreġ *expression of interest* fuq l-*equipment* biex il-Kunsill ikun jaf x' hawn fis-suq u mbgħad tkun tista' tinħreġ l-offerta għax-xiri ta' dan l-*equipment*. Rigward id-dawl, il-*contrat managers* Galea Curmi qed iħejju x-xogħol preparatorju u ser issir *billboard* fuq il-post li turi kif inhu ġej il-proġett u dan għall-informazzjoni tal-pubbliku.

## 10. Jum il-Belt Victoria 2012 – 125 anniversarju ta' dan l-avveniment

Il-membri qablu li jinbeda x-xogħol preparatorju sabiex għal dan l-avveniment jiġu organizzati dawn l-attivitajiet:-

- Ktieb professjonali fuq ir-Rabat (kif diġa' maqbul f'laqgħat preċedenti),
- Pittura ta' l-artist il-Kav. Paul Camilleri Cauchi li tinkludi lil Sir Adriano Dingli u l-Isqof Pietru Paċe l-artefiċi tal-din il-kisba għal Belt Victoria.
- L-attivitajiet kulturali jinfetħu fl-ewwel kunċert li jsir waqt il-Victoria International Arts Festival fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Dan ukoll minħabba li l-Kunsill, peemezz ta'l-iskema ta' l-attiviajtiet kulturali 2012, għandu vot ta' €7,000 għal dan il-festival;
- Il-programmi li jsiru miż-żewġ baned ċittadini;
- Fl-10 ta'Ġunju jsir kunċert mill-Orkestra Filarmonika Nazzjonali u Mro. John Galea ikun s-surmast direttur;
- Jiġi kkumissjonat lil Dr John Galea sabiex jikkomponi biċċa mużika li tkun tinkludi Innu għar-Rabat. Il-membri qablu ma dan u ġie notat li Dr John Galea mhu affiljat ma ebda' soċjeta mużikali fir-Rabat;
- Ssir Quddiesa b'Pontifikal ta' l-Isqof t'Għawdex fil-Katidral t'Għawdex nhar il-Ħadd 10 ma' Ġunju 2012. Din bil-parteċipazzjoni tal-kleru miż-żewġ Parroċċi;
- Ssir talba uffiċċjali lil Gvern Ċentrali sabiex f'din l-okkżjoni, l-Banca Giuratale tgħaddi kollha taħt l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali;
- Ġieħ il-Belt Victoria jingħata lill-missjunarji Rabtin li qed jaqdu/qdew dmirhom f'pajjiżi tat-tielet dinja. Dan wara li tressqet korripondenza mibgħuta minn Josephine Camilleri fejn issuġġeriet li l-Kunsill jgħati dan l-unur lill- Dun Ġorġ Grima li hu missjunarju fil-Brażil. Il-membri qablu li tintbagħat korrisopondenza liż-żewġ parroċċi u lill-kunventi li hawn fir-Rabat, fejn jiġi suġġerit li jinnominaw qassisin u reliġjużi Rabtin li huma missjunarji f'pajjiżi tat-tielet dinja.

## 11. Estmi 2012

Ġie mressaq draft ta' l-estimi għas-sena 20123 u dan ġie approvat kif imniżżel f' dokument Ċ.

## 12. Approvazzjoni tal-kontijet pendenti

Ġew approvati l-kontijet pendenti li jinsabu f'dokument D.

## 13. Korrispondenza

Tressqet korrispondenza mingħand:-

13.1 Transport Malta (TM) fejn:-
13.1.1 inħareġ permess biex isiru *double yellow lines* biswit żewġ garaxxijiet fi Triq Pompei; u
13.1.2 ma nħariġx permess sabiex jitneħħew *no waiting signs* fi Triq Sir Arturo Mercieca.

13.2 il-MEPA dwar skedar ta' propjeta' fi Triq Repubblika;

13.3 l-Awtorita' tad-Djar fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Awtorita' mhix f'posizzjoni li taċċetta l-proposta tal-Kunsill fejn ġie suġġerit li jitranġaw l-ewwel żewġ filati mill-art ta' l-arkati li hemm fi Pjazza San Ġorġ. Dan il-bini jaqa' f'idejn din l-Awtorita';

13.4 id-Direttorat għall-Finanzi u Amministrazzjoni fejn il-kuntratt tad-devoluzzjoni għas-sit f' Qasam San Ġorġ ġie estiż għall-tlett snin oħra;

13.5 il-Korporazzjoni għas-servizzi ta' l-ilma fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li r-Raod Construction ingħatat permess sabiex tgħamel ix-xogħol tal-*mains* ta' l-ilma fi Triq Ġanni Vassallo. Din it-triq ser tinkesa bit-tarmac mill-iskema tal-Public Private Partenership;

13.6 Galea Curmi li talbu l-permess ta' l-Enemalta sabiex issir bozza ġdida fi Triq Għar Gerduf (PR39/12);

13.7 id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fejn ntbagħtu d-dettalji rigward ir-rapport li l-Kunsill għamel fir-rigward ta' Wied il-Lunzjata. Wara l-investigazzjoni ta' dan id-direttorat irriżulta li l-iżbroff fis-sistema tad-dranaġġ qed tkun ikkawżata minn tfiħ ta' tiben mas-sistema tad-dranaġġ minn rziezet tal-viċin. Għaldaqstant dan jaqa' taħt is-Sezzjoni tad-Dranaġġ fi ħdan il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma. Id-Direttorat għas-Saħħa Ambejntali diġa' ġibed l-attenzjoni ta' din is-sezzjoni konċernata;

13.8 il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'diżabilita' fejn intalbu aktar dettalji rigward l-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex isiru tibdiliet fuq ġew fil-Banca Giuratale;

13.9 Melanie Drury għan-nom ta' My Destinations Malta. Il-Kunsill qabel li għal prezz ta' €354 isiru 10 ritratti 360° ta' lokalitajiet fir-Rabat sabiex jintżaw fuq il-*website*;

13.10 il-Bord tal-Governanza rigward il-kas tal-Malta Motorsport Federation. Il-Bord jara li l-fattura ppreżentata minn din il-federazzjoni hija valida u konformi ma' l-istima oriġinali tas-26 ta' Mejju 2011. Il-membri ma qablux ma dan perress li d-deċiżjoni ma tirriflettix is-sitwazzjoni vera. Qablu li għandha tiġi depożitata ċedola l-Qorti bl-ammont li l-Kunsill mhux jikkontesta u jittieħed il-parir tad-Direttur tad-Dipartiment għal Gvern Lokali. Wara l-Kunsill jasal għad-deċiżjoni tiegħu fuq l-ammont kontestat;

13.11 il-Gozo Philatelic Society fejn ingħatat spjega rigward il-parti li nkitbet fuq ir-Rabat fil-pubblikazzjoni li għamlu;

13.12 TCTC sabiex il-Kunsill jipparteċipa fi proġett li joffri *training* għat-tfal in konnesjoni ma korsijiet fuq il-kompjuter. Il-membri qablu li qabel il-Kunsill jikkommetti ruħu, t-TCTC għandha tibgħat *feedback* fuq x'ġara s-sena li għaddiet meta l-Kunsill ipparteċipa fi proġett simili;

13.13 il-kuntrattur Joseph Portelli li ħa l-offerta għat-tranġar ta' l-uffiċċju tal-*customer care.* Il-prezz sabiex jinfetħu l-fili, tindif u rimi ta' materjal u tikħil hu ta' €15 kull metru kwadru inkluż il-VAT. Il-membri qablu ma dan;

13.14 George Schembri fejn talab sabiex issir bankina ġdida quddiem id-dar tiegħu numru 26 fi Triq Sir Mikelanġelo Refalo. Intalab dan peress li t-triq taqleb n-naħħa ta' dan il-post u kull meta tagħmel ix-xita, din id-dar timtela bl-ilma. Il-membri qablu li ssir bankina kif qed jintalab. Dan wara li jitlestew dawk li diġa' huma approvati;

13.15 l-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira fejn intalbet għajnuna finanzjarja sabiex jiġi organiżżat *Easter Festival*. Billi dan mhux permess bil-liġi, ma jistax isir.

13.16 Malta Now Ltd. fejn intalab spazju fil-loaklita' fejn jitpoġġew *stands* minn fejn tkun tista' titqassam il- gażżetta Malta Now b'xejn. Il-membri qablu li għandu jintalab ritratt ta' kif hu propost li jsiru dawn l-i*stands*;

13.17 JP2 Foundation fejn intalab permess sabiex isir kunċert fi Pjazza Indipendenza nhar il-Ħadd 6 ta'Mejju 2012. Il-Kunsill qed jissuġġerixxi li l-orkestra titpoġġa quddiem il-knisja ta' San Ġakbu biex ma ttellifx mill kummerċ tal-pjazza;

13.18 George Cassar ta' Triq Vajrinġa rigward xogħol li għamel fil-kantina tal-porpjeta' tiegħu. Il-membri qablu li din għandha tirrispondiha l-Avukat tal-Kunsill;

13.19 George Galea li ssuġġerixxa li l-ispejjes tal-konsum tad-dawl iġġenerat minn bozza li hemm wara 'The Duke' jgħaddi f'idejn l-Enemalta. Dan ser jintalab lill-Enemalta minn naħħa tal-Kunsill għan-nom tar-residenti li joqgħdu f' 'The Duke'.

## 14. Materji oħra

Il-membri qablu li :-

14.1 jiġi rrappurat lill-Perit tal-Kunsill li bejn blokk EB u Blokk EA f'taċ-Ċawla H.E., fejn tgħaqdet il-bankina l-ġdida ma dik eżistenti, qed jinżamm l-ilma fl-entratura ta' dawn il-flatijiet. Dan minħabba li l-bankina l-ġdida saret għola minn dik eżistenti;

14.2 għaż-żjara li ser issir f'Nichelino dan ix-xahar, jipparteċipaw is-Sindku flimkien ma membru mill-istaff, Lawrence Sciberras li hu l-Kap tad-Diaprtiment tat-Taljan fi ħdan l-iskola Sir M' Refalo u fotografu biex ikopri dettalji għal-ktieb li ser jippubblika l-Kunsill f'egħluq il-125 sena minn meta r-Rabat ingħata t-titolu ta' Belt. Din iż-żjara ser issir minħabba li qed jiġu proposti żewġ proġetti mill-Unjoni Ewropea, wieħed mal-Provincia ta' Turin u l-ieħor jinkludi ċittadini taż-żewġ Kunsilli ġemellati;

14.3 tintalab stima sabiex isir l-*artwork* għan-*newsletter* ġdida;

14.4 jiġi orgażżat *weekend break* kulturali għar-residenti matul ix-xahar t'April 2012;

14.5 jintalab lit-TM sabiex issir:-
14.5.1 *un/laoding* quddiem il-ħanut Office Club fi Triq it-Tabib Anton Tabone;
14.5.2 *traffic mirror* fi Triq Wied il-Lunzjata faċċata ta' triq maġenb il-wied tal-Grixti;

14.5.3 *barrier* quddiem id-dar 50, fi Triq Mons.Luiġi Vella;
14.5.6 *parking bays* f'taċ-Ċawla H. E. quddiem blokk B, D u L. Dan skond il-pjanta tal-Perit;

14.6 jinxtraw 10 kopji tal-pubblikazzjoni ġdida ta' Rev. Dr. Joseph Beżżina li ġġib l-isem 'The Gozo Civic Council – the story of a regional government'.

14.7 l-Kunsill jgħin fl-organiżżazzjoni taż-żewġ opri li ser isiru fl-2012 mis-Soċjetajiet tal-Baned Rabtin;

14.8 jinħareġ peremss għall-*one day event* sabiex fis-7 ta'April 2012 il-Vodafone tpoġġi l-*mobile shop* (trukk) fil-parkeġġ ta' biswit l-Arkadia;

14.9 r-*rumbel strips* li saru xi snin ilu fi Triq l-Assunta ma jitneħħewx. Dan wara li wieħed mir-residenti qal li qed idejqu l-istorbju li jiġi kkawżati mill-vetturi li jgħaddu minn fuqhom;

14.10 jittieħed il-parir tal-Perit rigward il-gandott li sar snin ilu fi Triq Vajringa peress li dan għandu l-ħsara u hu ta' periklu għall-*pedestrians*;

14.11 ssir bankina ġdida quddiem il-librerija tal-Katidral f' Qasam San Ġorġ. Dan peress li dik eżistenti hi tas-*cement* u mhix kif suppost;

14.12 jintalab lit-Taqsima tat-Toroq sabiex issir bankina quddiem 'Dar Frejbusa' fi Triq Ċangar. Dan hu post ġdid u qatt ma kien hemm bnakina;

14.13 fil-laqgħa li jmiss jiġu mistiedna r-residenti ta' Triq Pompei sabiex jiġi spjegat lilhom il-prolema li hemm minħabba l-għoli fit-triq li qed jikkawża problemi ġo djar billi l-bjut jimtlew bl-ilma meta tgħamel ix-xita. Il-Perit għandu jkun preżenti sabiex jgħati spejga ċara għal kull mistoqsija li tista' ssir.

14.14 Il-Kunsillier Buttiġieġ issuġġerixxa li fil-bidu ta' l-isqaq ta' Triq Aġius De Soldanis isir forma ta' rixtellu biex f'dan l-isqaq jidħlu biss ir-residenti. Dan minħabba li bil-lejl speċjalment fil-*weekends* qed ikun hemm l-abbużi. Ir-rixtellu ma jistax isir peress li l-isqaq hu pubbliku. Ta' min jinnota li wara d-diversi rapporti li saru lill-Pulizija dan l-isqaq flimkien ma l-*area* tal-madwar qed ikunu ta' spiss sorveljati u hu nnutat li l-abbużi naqsu sostanzjalment;

Il-membri ġew magħrfa li:-

14.15 r-Raod Construction li hi l-kumpanija li ħadet l-offerta għax-xogħol in konnessjoni mal-Public Privat Partnetship għat-tarmac fit-toroq Wied is-Seqer, Sagħtar u Ġanni Vassallo, bgħatet lit-TM il-pjanta għall-approvazzjoni tat-*traffic management* suġġerit għal-waqt li jkun qed isir ix-xogħol fit-toroq imsemmija;

14.16 fl-10 ta' Marzu 2012 ser jibda l-Festival Gaulitana 2012. Dan b'kunċert korali fil-kunvent ta' Santu' Wistin;

14.17 fil-21 ta' Frar 2012 ġie ffirmat ftehim bejn il-Kunsill u l-Ministeru għal Għawdex rigward ix-xogħol ta' rampa biswit il-kunvent tal-Patrijiet Kapuċċini. Il-fondi li ser joħroġ il-Kunsill huma koperti mill-iskema dwar aċċessibilita' aħjar fil-lokalitajiet fejn il-Kunsill ser jingħata €4,334;

14.18 l-Kunsill ġabar €2,220 mill-Greent MT. Dan kumpens għall-Kunsill li ta' kull ġimgħa jiġbor l-iskart mgħażul;

14.19 minn naħħa tat-TM sar xogħol ta tranġar fi Triq is-Sellum u għaldaqstant il-Kunsill franka dawn l-ispejjes.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.00 u laqgħa oħra ser issir *sine die.*

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |